



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 20 ta' Marzu 2023
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0079(COD)

7568/23
ADD 5

COMPET 234
IND 123
MI 213
POLCOM 49
RELEX 367
RECH 95
IA 46
CODEC 412

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	17 ta' Marzu 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2023) 162 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' HĊDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas li jiżgura provvista sigura u sostenibbli tal-materja prima kritika u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, 2018/1724 u (UE) 2019/1020

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument SWD(2023) 162 final.

Mehmuż: SWD(2023) 162 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.3.2023
SWD(2023) 162 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

**li jistabbilixxi qafas li jiżgura provvista sigura u sostenibbli tal-materja prima kritika u
li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, 2018/1724 u (UE)
2019/1020**

{COM(2023) 160 final} - {SEC(2023) 360 final} - {SWD(2023) 160 final} -
{SWD(2023) 161 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv
Valutazzjoni tal-Impatt għall-Att Ewropew dwar il-Materja Prima Kritika
A. X'inhi l-problema u għaliex hi problema fil-livell tal-UE?
Il-materja prima kritika (CRMs) hija kontribut indispensabbli għall-ekonomija tagħna, b'mod partikolari għax tintuża fil-manifattura tat-teknoloġiji meħtieġa biex tinfirex l-enerġija nadifa, għat-tranżizzjoni diġitali jew għal applikazzjonijiet strateġiċi fis-saħħa jew fid-difiża. Peress li t-tranżizzjonijiet doppji jgħolqu ħtiġijiet dejjem akbar, hu previst li d-domanda għal daww il-materjali tiżdied b'mod esponenzjali fil-livell tal-UE u anki fil-livell dinji, u tikkawża disprekanzi bejn id-domanda u l-provvista. Barra minn hekk, il-provvista tal-UE tas-CRMs waqt l-estrazzjoni u anki waqt l-ipproċessar hi kkonċentrata ħafna, xi drabi f'pajjiż terz wieħed. Jekk l-UE ma tkunx tista' tiżgura provvisti biżżejjed tas-CRMs, id-dipendenza kontinwa tal-UE tista' tesponi lill-UE għar-riskji li ġejjin: vulnerabbiltà ġeopolitika; effetti ambjentali u soċjali negattivi; tfixkil fil-ktajjen tal-provvista industrijali; prezzijiet għaljin u volatili li jdewmu t-tranżizzjoni ekoloġika; fornituri tal-materja prima dominanti u kritika li jużaw is-saħħa tas-suq fl-industrija downstream. F'dan il-kuntest, il-problema ewlenija identifikata hi n-nuqqas ta' aċċess sigur u sostenibbli tal-UE għas-CRMs, ikkawżat tliet subproblemi, jiġifieri n-nuqqas ta' antiċipazzjoni u mitigazzjoni biżżejjed tar-riskji tal-provvista, in-nuqqas ta' żvilupp biżżejjed tal-potenzjal tal-provvista domestika tas-CRMs tal-UE minħabba nuqqas ta' kapaċità biżżejjed fi stadji differenti tal-katina tal-valur, u n-nuqqas ta' sostenibbiltà u ċirkolarità biżżejjed fil-kisba tas-CRMs mill-UE.
Xi jrid isir?
L-Att dwar il-Materja Prima Kritika għandu l-oġġettiv ġenerali li jindirizza l-problema ewlenija: in-nuqqas ta' aċċess sigur u sostenibbli tal-UE għas-CRMs. Biex il-problema tiġi indirizzata bl-aqwa mod, l-oġġettivi speċifiċi li ġejjin jindirizzaw direttament il-kawżi identifikati tal-problema: SO1. Aktar għarfien u mitigazzjoni min-naħa tal-industrija tal-UE tar-riskji relatati mas-CRMs fil-katina tal-provvista dinjija SO2. Aktar kapaċità tal-katina tal-valur tas-CRM tal-UE fis-suq intern SO3. Inqas impronta ambjentali tal-konsum tas-CRMs tal-UE Madankollu, l-inizjattiva regolatorja li din il-Valutazzjoni tal-Impatt qed tinfed ma tistax tilħaq l-oġġettiv waħedha. Jekk insaħħu l-isforzi msaħħa biex niddiversifikaw il-kummerċ u l-investimenti internazzjonali, niżguraw li jkollna swieq internazzjonali mingħajr distorsjoni, u nippromwovu standards soċjali u ambjentali għoljin meta nibnu sħubijiet u nikkoperaw mal-pajjiżi terzi. Se jkollna bżonn ukoll aktar sforzi fir-riċerka u fl-innovazzjoni biex nissostitwixxu l-materja prima kritika u nnaqqsu kemm jista' jkun l-impatti ambjentali tal-estrazzjoni tar-riżorsi, filwaqt li naħdmu wkoll fuq il-ħiliet u l-aċċettazzjoni tas-soċjetà. Dawn l-aspetti huma żviluppati f'aktar dettall fil-Komunikazzjoni meħmuża li tiffurma parti mill-Att Ewropew dwar il-Materja Prima Kritika.
X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE (sussidjarjetà)?

L-azzjoni tal-UE hi essenzjali biex jinkisbu ekonomiji ta' skala u ta' ambitu, u biex tiġi limitata, jekk mhux evitata, il-frammentazzjoni tal-isforzi u l-inefficienzi assoċjati. B'din il-loġika, l-azzjonijiet proposti jiffukaw fuq oqsma li juru valur miżjud fl-azzjoni fil-livell tal-Unjoni minħabba l-iskala, il-ħeffa u l-ambitu tal-isforzi meħtieġa. Pereżempju, l-azzjonijiet maħsuba għall-mobilizzazzjoni tal-investiment fi proġetti tal-materja prima kritika tul il-katina tal-valur jistgħu jtfasslu u jiġu kkoordinati bl-aktar mod effettiv fil-livell tal-Unjoni, minħabba l-iskala tal-investimenti meħtieġa, u għax il-kapaċitajiet miksuba għandhom jaqdu lis-suq intern kollu. Barra minn hekk, l-azzjonijiet maħsuba biex jitjiebu l-kapaċitajiet tal-monitoraġġ fil-livell tal-Unjoni se jkunu aktar effettivi jekk isiru b'mod ikkoordinat. Flimkien, l-Istati Membri u l-Kummissjoni se jkunu jistgħu jantiċipaw aħjar it-tfixkil fil-provvista milli għal rashom. Il-qafas propost għandu jipprovdi tqassim aktar effiċjenti tal-kompiti u l-iskambju tal-informazzjoni rilevanti biex tkun evitata d-duplikazzjoni tal-isforzi.

B. Soluzzjonijiet

X'inhuma d-diversi alternattivi biex jintlaħqu l-oġettivi? Hemm alternattiva ppreferuta jew le? Jekk le, għaliex?

L-alternattivi huma organizzati f'pilastru differenti li jipproponu approċċi ta' politika differenti biex jintlaħqu l-oġettivi speċifiċi. L-alternattivi jikkombinaw settijiet differenti ta' approċċi ta' politika skont il-livell ta' ambizzjoni tagħhom, iżda skont ukoll x'jista' jinkiseb bi strutturi ta' governanza differenti, ħalli l-kompiti msemmija f'kull alternattiva jkollhom il-livell xieraq tar-riżorsi.

L-Alternattiva ta' Politika 1 (PO1) tipprevedi mekkaniżmu li jfassal miri għall-materja prima strateġika. Dan jinkludi struttura ta' governanza permezz ta' Bord apposta tas-CRMs tal-UE bl-għajnuna ta' network ta' aġenziji nazzjonali u tal-kapaċità operazzjonali tal-Kummissjoni. Entità bħal din tiżviluppa kapaċità tal-monitoraġġ, tippermetti l-koordinazzjoni tal-istokkijiet strateġiċi tal-UE u tiżgura li l-kumpaniji jkunu ppreparati aħjar għal tfixkil fil-provvista. Tinkludi elementi li jappoġġaw il-katina tal-valur, b'mod partikolari bil-koordinazzjoni tal-esplorazzjoni, b'appoġġ imsaħħa għall-proġetti nazzjonali tas-CRMs, u b'aċċess eħfef għall-finanzjament. Fejn tidħol iċ-ċirkolarità, din tinkludi rakkomandazzjoni mfassla għall-apparati elettroniċi żgħar tal-konsumatur u biex jiżgura azzjonijiet futuri. Tipprevedi sforzi msaħħa tal-UE biex jtfasslu standards internazzjonali, kif ukoll rekwiżiti minimi għal skemi taċ-ċertifikazzjoni dwar is-sostenibbiltà tas-CRM u rekwiżit tal-informazzjoni dwar l-impronta ambjentali tas-CRMs imqiegħda fis-suq tal-UE.

L-Alternattiva ta' Politika 2 (PO2) tinkludi l-istess mekkaniżmu ta' governanza u kompiti bħall-PO1 fejn jidħlu l-monitoraġġ, l-istokkijiet strateġiċi u t-tnejn għar-riskji. Iżda din tkompli ssaħħa il-katina tal-valur fl-UE billi toħloq obbligi aktar sodi dwar l-esplorazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Proġetti Strateġiċi tul il-katina tal-valur tal-materja prima strateġika. Dawn il-proġetti jgawdu minn permessi simplifikati u aċċess eħfef għall-finanzjament. Il-miżuri dwar iċ-ċirkolarità jinkludu emendi maħsuba għad-Direttiva dwar l-iskart tal-estrazzjoni. Il-miżuri dwar l-istandards jinkludu l-iżvilupp ta' kisbiet addizzjonali dwar l-istandardizzazzjoni fil-proċess industrijali, u l-miżuri dwar l-impronta ambjentali jinkludu l-iżvilupp progressiv tal-limitu għas-CRMs jekk valutazzjoni apposta tiżgura li dan ma jkunx jaffettwa s-sigurtà tal-provvista.

L-Alternattiva ta' Politika 3 (PO3) tiżviluppa kapaċità esterna dwar il-governanza, biex ikunu jistgħu jiġu proposti miżuri ambizzjużi dwar l-istokkijiet strateġiċi, il-monitoraġġ u t-tnejn

għar-riskji. Tibni wkoll fuq il-kunċett tal-Proġetti Strateġiċi, li jgawdu minn appoġġ addizzjonali għall-permessi, b'riżorsi dedikati mill-Istati Membri u b'Fond Ewropew apposta għas-CRMs. Din tinkludi l-istess miżuri dwar iċ-ċirkolarità, l-istandards u l-impronta ambjentali bħall-PO2.

Kull alternattiva ta' politika tibni fuq il-kunċetti ta' materja prima kritika u ta' materja prima strateġika, li huma subsetti iffukat fuq il-materja meħtieġa għal applikazzjonijiet partikolarment strateġiċi.

Il-valutazzjoni tal-impatt tissuġġerixxi li l-Alternattiva 2 hi l-ippreferuta, b'mod partikolari fejn jidħlu l-effiċjenza u l-appoġġ tal-partijiet ikkonċernati. Tajjeb jiġi nnutat li l-Alternattiva 3 tippreżenta livell ogħla ta' ambizzjoni u tippermetti li l-oġettivi jintlaħqu b'mod aktar effettiv.

X'inhuma l-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati differenti? Liema alternattiva u min jappoġġaha?

Minħabba l-varjetà tal-pilastri proposti, mhux faċli li l-opinjoni tal-partijiet ikkonċernati jiġu attribwiti għall-alternattivi ġenerali. Minflok, il-valutazzjoni tal-impatt tidħol fid-dettall tal-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati dwar kull pilastru. B'ġenerali, nistgħu nikkonkludu li l-partijiet ikkonċernati mill-industrija huma pjuttost favur il-miżuri sodi li tipproponi l-Alternattiva 3, b'mod partikolari fejn jidħlu l-governanza u l-appoġġ għall-katina tal-valur. Il-fehmiet tal-awtoritajiet pubbliċi huma diverġenti, bi preferenza żgħira għal approċċ tal-governanza bbażat fuq in-network, bħal fl-Alternattiva 2. Is-soċjetà ċivili tappoġġa l-aktar miżuri stretti fl-Alternattivi 2 u 3 dwar iċ-ċirkolarità u l-impronta ambjentali.

C. Impatti tal-alternattivi

X'inhuma l-benefiċċji tal-alternattivi differenti (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?

L-Alternattiva 1 mistennija toħloq benefiċċji ekonomiċi għall-kumpaniji permezz tal-miri li jiggwidaw l-iżvilupp tal-appoġġ tal-UE. Dawn se jgawdu wkoll miż-żieda fil-kapaċità tal-monitoraġġ tal-UE li se jipprovdi n-network, filwaqt li ċerti miżuri nazzjonali se jħeġġu d-diversifikazzjoni u t-tisħiħ tar-reżiljenza tagħhom; se jgawdu wkoll minn appoġġ maħsub għall-katina tal-valur mil-lat ta' esplorazzjoni, permessi u finanzjament. Il-miżuri dwar il-leġiżlazzjoni tal-iskart jistgħu jinċentivaw aktar irkupru tal-iskart, filwaqt li r-rekwiżiti tad-dikjarazzjoni tal-impronta ambjentali u l-azzjonijiet dwar l-istandards itejbu l-kwalità tal-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà.

L-Alternattiva 2 tintroduċi benefiċċji aktar qawwjin mill-Alternattiva 1. Għalkemm l-azzjonijiet dwar il-governanza, il-monitoraġġ, l-istokkijiet strateġiċi huma l-istess bħal tal-Alternattiva 1, l-azzjonijiet relatati mal-appoġġ tal-katina tal-valur jipprovdu rispons aktar strateġiku u komprensiv għall-kawżi tal-problema. Billi tipproponi l-iżvilupp ta' Proġetti Strateġiċi, appoġġati b'permessi simplifikati u aċċess simplifikat għall-finanzjament, din l-alternattiva tgħin aħjar biex jintlaħqu l-miri tal-provvista tal-UE għall-materja prima strateġika tul il-katina tal-valur, u żżid ukoll il-kompetittività tal-utenti downstream. Id-dikjarazzjonijiet tal-impronta ambjentali għas-CRMs jinfurmaw aħjar lill-konsumaturi. Il-miżuri dwar l-esplorazzjoni jew l-iskart, b'mod partikolari dwar il-miri tar-riċiklaġġ, se jkomplu jgħinu aktar

biex jinħoloq suq b'saħħtu għall-materja prima sekondarja.

L-Alternattiva 3 mistennija tintroduċi benefiċċji ekonomiċi ferm akbar għall-kumpaniji u għall-ekonomija usa', b'mod partikolari billi tipprovdi appoġġ imsaħħaħ għall-monitoraġġ, l-istokkijiet strateġiċi jew id-diversifikazzjoni tar-riskju, imwettaq minn kapaċità operazzjonali esterna. L-appoġġ finanzjarju ta' din l-alternattiva għall-Proġetti Strateġiċi jibbenefika wkoll minn fond aktar estensiv, filwaqt li l-Proġetti Strateġiċi jiġi indikat li għandhom interess pubbliku prevalenti ħalli l-Istati Membri jkollhom kapaċità amministrattiva akbar biex jappoġġawhom. Il-limiti għall-impronti ambjentali jżidu s-sostenibbiltà tas-CRMs fis-suq. L-alternattivi dwar l-iskart, l-impronta ambjentali u l-istandards huma l-istess bħal dawk tal-Alternattiva 2.

X'inhuma l-kostijiet tal-alternattivi (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?

L-Alternattiva 1 tinvolvi kostijiet amministrattivi minimi għall-kumpaniji l-kbar li joperaw fil-katina tal-valur tas-CRMs u li jridu jirrapportaw informazzjoni tal-monitoraġġ; l-istess jgħodd għal xi manifatturi downstream. Hemm ukoll kostijiet relatati mal-impronta ambjentali li japplikaw għall-kumpaniji kollha li jbigħu s-CRMs u li għalihom hemm disponibbli ċerti regoli tal-kalkolu, u anki għall-kumpaniji li jixtiequ jagħmlu asserzjonijiet ġenerali dwar l-impronta ambjentali. Il-kostijiet għall-Kummissjoni u għall-Istati Membri huma relatati l-aktar mal-infurzar tal-miżuri proposti, b'mod partikolari biex tinbena struttura ta' governanza li mbagħad twettaq il-kompiti, u dwar l-obbligi tar-rappurtar għall-Istati Membri (eż. dwar l-esplorazzjoni).

L-Alternattiva 2 tinvolvi kostijiet simili għall-kumpaniji, u magħhom jiżdiedu kostijiet ġodda għall-operaturi tal-iskart estrattivi u għall-produtturi tal-EEE biex jagħtu informazzjoni dwar is-CRMs li jkun hemm fil-prodotti u fil-flussi tal-iskart tagħhom, rispettivament. Il-kostijiet għall-Istati Membri jiżdiedu bir-rekwiżiti addizzjonali dwar l-esplorazzjoni, iżda dawk il-kostijiet jinqasmu skont id-daqs territorjali tal-pajjiż. Il-kostijiet għall-Kummissjoni jkopru l-aktar l-istabbiliment ta' sistema effettiva ta' governanza u ta' monitoraġġ, u l-implimentazzjoni ta' miżuri oħra, eż. dwar iċ-ċirkolarità, l-impronta ambjentali.

L-Alternattiva 3 tinvolvi kostijiet sinifikanti għall-Kummissjoni u għall-Istati Membri biex tinħoloq il-kapaċità operazzjonali esterna. Din tippermetti ambitu usa' tal-azzjonijiet ħalli l-oġġettivi speċifiċi jkun jistgħu jintlaħqu b'mod aktar effiċjenti, iżda teħtieġ appoġġ baġitarju konsiderevoli. Apparti l-kostijiet simili bħal tal-Alternattivi 1 u 2, din l-alternattiva żżid il-kostijiet tal-kumpaniji biex josservaw rekwiżiti addizzjonali dwar it-tnejn, l-istokkijiet strateġiċi jew l-awditjar tal-ktajjen tal-provvista tagħhom.

X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs u l-kompetittività?

Bil-miżuri ppreferuti, l-SMEs, bħall-kumpaniji ż-żgħar tal-esplorazzjoni, ikunu jistgħu jibbenefikaw minn *data* u informazzjoni addizzjonali mingħand l-Istati Membri. Barra minn hekk, l-SMEs li joperaw fil-katina tal-valur tas-CRMs jew fis-setturi downstream se jgawdu minn monitoraġġ addizzjonali u miżuri oħra tal-mitigazzjoni tar-riskji li aktarx ma jkunux jistgħu jwettqu waħedhom. Mhumiex se jkunu imposti kostijiet amministrattivi diretti fuqhom, bħal obbligi tar-rappurtar. Se jibbenefikaw ukoll minn żieda fl-aċċess għall-finanzjament.

B'mod ġenerali, il-kompetittività tal-industrija tal-UE se jkollha l-appoġġ tal-istess miżuri li jgawdu minnhom l-SMEs. L-iżvilupp tal-Proġetti Strateġiċi jżid ir-reżiljenza tal-UE għax

isahlhah il-katina tal-valur tas-CRMs, b'mod partikolari għall-materja prima strateġika, u b'hekk is-setturi downstream jkunu jistgħu jibbenefikaw minn provvista tas-CRMs aktar sigura, u jsiru aktar kompetittivi meta mqabbla ma' kompetituri fi bnadi oħra tad-dinja.

Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u fuq l-amministrazzjonijiet nazzjonali?

L-Istati Membri se jġarrbu kostijiet relatati mal-parteċipazzjoni fl-istruttura ta' governanza, il-kondiviżjoni tal-informazzjoni mal-Bord, u l-implimentazzjoni tal-miżuri, fosthom dwar il-koordinazzjoni tal-istokkijiet strateġiċi, it-tnejjija tal-kumpaniji għar-riskji, il-permessi, l-iskart u l-esplorazzjoni.

Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?

Din l-inizjattiva ma tipprevedi l-ebda impatt sinifikanti ieħor. Din mhu mistennija tagħmel l-ebda ħsara sinifikanti lill-ambjent, iżda minflok se trawwem miżuri li jippromwovu ċ-ċirkolarità tas-CRMs u s-sostenibbiltà mtejbja tagħhom b'miżuri tal-impronta ambjentali.

Proporzjonalità?

L-alternattiva ppreferuta tikkonforma aktar mal-prinċipju tal-proporzjonalità għax ma toħloqx kapaċità operazzjonali esterna speċifika biex tinforza l-kompiti relatati mas-CRMs. Madankollu, din timplika inqas effettività biex jintlaħqu l-oġettivi speċifiċi.

D. Segwitu

Wara ħames snin mid-data tal-applikazzjoni tal-att leġislativ, il-Kummissjoni se twettaq evalwazzjoni tal-effettività, tal-effiċjenza, tal-koerenza, tar-rilevanza u tal-valur miżjud tal-UE ta' din l-inizjattiva leġislativa u se tippreżenta rapport dwar is-sejbiet ewlenin lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, u lill-Kumitat tar-Reġjuni. Abbażi ta' dak ir-rapport tal-evalwazzjoni, il-Kummissjoni tista' tipproponi kif jista' jitjieb l-Att Ewropew dwar il-Materja Prima Kritika, li l-implimentazzjoni tiegħu trid tkejjel il-progress dwar l-ilħuq tal-miri tal-kapaċità tal-provvista Ewropea ppreżentati fil-Valutazzjoni tal-Impatt. Il-valutazzjoni tinkludi wkoll indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress.